# San Ġorġ (1839-2014)

## Ħarsa mill-qrib lejn il-kapolavur ta' Pietru Pawl Azzopardi

*George James Cutajar Zahra*

Din is-sena jaħbat il-mija u ħamsa u sebgħin anniversarju tal-istatwa titulari tal-Bażilika ta' San Ġorġ ta' Għawdex. Bla dubju ta' xejn din l-istatwa hija l-kapolavur tal-iskultur Pietru Pawl Azzopardi (1791-1875), meqjus wieħed mill-aqwa skulturi li pproduċiet Malta tas-seklu dsatax. Fil-fatt fis-seklu dsatax f'Malta naraw grupp ta' skulturi li kienu l-alljievi ta' Mariano Gerada (1766-1823), fosthom Azzopardi nnifsu, Salvu Psaila u Xandru Farrugia. It-tlieta li huma flimkien ma' Gerada ħallewlna wirt imprezzabbli ta' skultura f'pajjiżna.

L-istatwa hija skolpita fl-injam, probabbilment minn zokk ta' siġra tat-tuta, u turina l-figura żagħżugħa tal-qaddis martri liebes l-uniformi ta' ċenturjun Ruman. Nistgħu ngħidu li l-poża sempliċi u komda ta' San Ġorġ tfakkarna fl-iskulturi Neoklassiċi li kienu popolari fl-Ewropa fl-istess żmien li fih inħadmet l-istatwa tagħna. In-Neoklassiċiżmu fil-fatt kien il-moviment tal-arti li beda fis-seklu tmintax u baqa' sejjer fis-seklu ta' wara. L-arti f'dak iż-żmien marret lura għal għeruqha fil-Klassiċiżmu ta' Ruma u Greċja l-antiki, wara li xebgħet mill-frivolità tal-Barokk u r-Rokoko. Fil-fatt, San Ġorġ huwa eżempju ċar ta' dan il-moviment klassiku u purista li f'Malta kien preżenti fl-ewwel nofs tas-seklu dsatax. L-istatwa hija ppreżentata lilna b'qisien li għalkemm huma mnebbħin mir-realtà, fil-verità huma biss idjoma ideali, speċjalment il-proporzjonijiet fil-fattizzi tal-wiċċ. Dan jidher ċar jekk inħarsu mill-qrib lejn l-eżekuzzjoni tal-imnieħer u x-xufftejn ta' San Ġorġ u nqabbluhom mal-iskulturi klassiċi jew inkella tal-moviment Neoklassiku. Dan juri kemm Azzopardi kellu għarfien profond tal-moviment artistiku kontemporanju, minkejja li dak iż-żmien kellu nuqqas kbir ta' mezzi tal-komunikazzjoni li jeżistu llum.

San Ġorġ jidher b'ħarstu kemxejn 'il fuq biex ifakkarna li l-intenzjoni tiegħu hija fis-Sema u mhux f'dak li jista' jakkwista mid-dinja. Xufftejh jidhru qed jitbissmu tbissima kemxejn ambigwa, li għalkemm tidher ta' sodisfazzjon, tfakkarna wkoll f'kemm tbatijiet għadda minnhom biex laħaq il-glorja. Għalkemm San Ġorġ jidher f'poża popolari, hija kemxejn ikkumplikata. Filwaqt li qed iserraħ fuq siequ tax-xellug, l-oħra tinsab f'moviment tistħajlu se jaqlagħha minn postha biex jieħu l-pass li jmiss, allura tfakkarna fil-kontinwità tal-ħajja. Il-ġenjalità ta' Azzopardi tidħol meta lil San Ġorġ ma narawhx fil-poża magħrufa bħala *contrapposto* **(fig.1)** – terminu Taljan li jiddeskrivi figura ta' bniedem wieqfa bil-

1



maġġoranza tal-piż tagħha fuq sieq waħda sabiex l-ispallejn u d-dirgħajn jitmejlu bil-kontra tal-ġenbejn u s-saqajn) –, imma ninnutaw li l-ġenbejn u l-ispallejn huma fi tmejjila parallella u jiffurmaw dik il-liwja eleganti minn isfel għal fuq **(fig. 2)**. Hawnhekk naraw kif Azzopardi rnexxielu joħloq poża oriġinali ta' artist li hu, u dan ikompli jagħti lill-istatwa dehra aktar dinamika u rilassata.

2



F'idu x-xellugija lil San Ġorġ narawh iżomm fergħa minn siġra tal-palm u kuruna minsuġa mill-weraq tar-rand, illi skont it-tradizzjoni tal-ikonografija Kristjana jissimbolizzaw il-martirju u l-glorja rispettivament. Fl-istess naħa nistgħu ninnutaw ukoll is-sejf imdaqqas imdendel ma' ġenbu illi mhux biss huwa parti mill-uniformi ta' ċenturjun Ruman, imma jfakkarna wkoll li dak huwa l-istrument li bih San Ġorġ ħa l-mewt glorjuża. Dawn l-aċċessorji li semmejna saru riċentement u ħadu post oħrajn li kienu hemm qabel, filwaqt li komplew għenu lill-istatwa tidher estetikament aħjar minn qabel.

Idu l-leminija mbagħad tidher miftuħa u maħruġa 'l barra, hekk li filwaqt li sservi ta' bilanċ fid-disinn tal-istatwa, tistieden lilna l-fidili għat-talb tal-interċessjoni. Simbolu ieħor daqstant importanti huwa dak tad-dragun, li jidher fin-naħa ta' isfel tal-istatwa. Id-dragun jissimbolizza l-ħażen li San Ġorġ issielet miegħu biex rebaħ il-glorja tal-Ġenna, u jfakkarna kif aħna wkoll għandna nkunu bħalu. Huwa interessanti kif Azzopardi għażel li d-dragun jippreżentah b'rasu mdendla saħansitra 'l isfel mill-pedata tal-istatwa. Jista' jkun li l-iskultur ġie ispirat mill-imgħallem tiegħu Mariano Gerada meta ppreżenta lil Santa Katerina (1818), l-istatwa titulari taż-Żurrieq, b'tarf il-mantell imdendel ukoll 'l isfel mill-pedata tal-istatwa.

La semmejna l-ikonografija, huwa ta' interess partikolari kif Azzopardi għażel li lil San Ġorġ jippreżentah bil-mod kif narawh, meta l-ikona l-iktar popolari tal-qaddis martri tagħna hija dik riekeb żiemel abjad jissielet kontra d-dragun. Fil-fatt, fl-ikoni l-iktar qodma lil San Ġorġ narawh wieqaf liebes armatura ta' suldat kontemporanju, bħalma Mattia Preti u Francesco Zahra juru lil San Ġorġ liebes ta' kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann fit-tili tagħhom. Min-naħa l-oħra, l-ikona ta' San Ġorġ riekeb iż-żiemel saret popolari wara l-waqgħa ta' Kostantinopli u fi żmien il-Kruċjati. L-għażla ta' Azzopardi jidher li kienet dik li jipproduċi statwa devozzjonali u proċessjonali, u allura elimina għal kollox l-ikona ta' San Ġorġ riekeb iż-żiemel. Fil-fatt, l-ikona ta' San Ġorġ ta' Azzopardi bla dubju ta' xejn ħalliet impatt qawwi fil-perċezzjoni ta' kif artisti oħra lokali ppreżentaw lill-istess qaddis martri fix-xogħlijiet tagħhom. Fosthom insemmu lil San Ġorġ (1907) ta' Lazzru Pisani (1854-1932) li nsibu fil-parroċċa tal-Fontana **(fig. 3)**, kwadru ieħor (1920) ta' Robert Caruana Dingli (1881-1940) fil-knisja ta' San Pawl



Nawfragu fil-Munxar, tila żgħira ta' Edward Caruana Dingli (1876-1950), u statwa mdaqqsa (c.1920) ta' Wistin Camilleri (1885-1979) **(fig. 4)**, flimkien ma' għadd kbir ieħor ta' tili u statwi li artisti oħrajn ħadmu matul iż-żminijiet jippruvaw jimitawh mill-aħjar li jistgħu.



B'kuntrast ma' statwi titulari oħra f'pajjiżna, San Ġorġ huwa nieqes ħafna minn dekorazzjonijiet elaborati fejn jidħlu l-libsa u l-mantell. Fil-fatt, San Ġorġ m'għandux ħafna disinni ornamentali sgraffjati u indurati, għajr disinni ħfief u sempliċi mal-elmu u tberfila ma' truf il-libsa u l-mantell. Nistgħu ngħidu għalhekk li f'San Ġorġ ta' Azzopardi nistgħu ngawdu l-polikromija li Giuseppe Calì (1846-1930) kien tah fis-sena 1903. Calì rnexxielu tabilħaqq juri l-kapaċità tiegħu fejn tidħol l-arti tal-kuluri u bla dubju ta' xejn il-kontribuzzjoni tiegħu tat valur mistħoqq lill-istatwa. Jidher biċ-ċar ukoll li kull min indaħal biex ikkonserva jew irrestawra l-istatwa wera rispett u fedeltà lejn l-iskultur tagħha.

Huwa ta' importanza wkoll il-pedestall tal-istess statwa li wisq probabbli nħadem ukoll minn Pietru Pawl Azzopardi. Dan jixhdu l-fatt li l-pedestall u l-istatwa joffru armonija stupenda u jistgħu jitqiesu bħala biċċa xogħol tal-arti waħda. Il-pedestall ma jagħmilx għajb lill-istawa u fil-fatt ta' min jinnota l-armonija fid-dekorazzjoni u l-proporzjon. Nistgħu ngħidu għalhekk li San Ġorġ huwa wieħed mill-ftit statwi proċessjonali li għadhom igawdu pedestall oriġinali u li jikkumplimenta lill-istatwa ta' fuqu.

Interessanti wkoll il-fatt li meta fl-1996 San Ġorġ kien ġie rrestawrat minn ditta tar-restawr Naplitana, kien innutat li l-istatwa hija ffirmata fil-qiegħ, "Pietro Paolo Azzopardi". Dan jindika biċ-ċar li hija xogħol l-iskultur innifsu.

B'ħarsa analitika mill-qrib lejn l-istatwa ta' San Ġorġ tinduna li l-ikbar aspett fil-kritika artistika ta' din l-istatwa jibqa' dak li għandu x'jaqsam mal-proporzjon tal-qisien u l-armonija fid-disinn li għandha. Żgur li Azzopardi ħaseb u ħadem kemm felaħ biex

jipproduci biċċa xogħol li tilħaq livell artistiku għoli u toffri sfida qawwija fil-kompetizzjoni tal-iskulturi kontemporanji, fosthom ta' dawk li magħhom ħadem spalla ma' spalla fil-bottega ta' Gerada. Huwa rnexxielu joħloq prodott artistiku sempliċi u komdu f'għajnejn l-ispettatur, imma fl-istess ħin b'saħħtu u armonjuż biżżejjed.

San Ġorġ ċertament jikkostitwixxi wirt prezzjuż għall-gżira Għawdxija. Huwa wieħed mill-aħjar eżempji ta' statwi reliġjużi Maltin tas-seklu dsatax. L-istawa tpoġġi wkoll lil Għawdex bħala parti mill-pajsaġġ artistiku Malti.

L-istatwa rnexxielha tiġbed devozzjoni qawwija u tkabbar il-kult lejn il-martri San Ġorġ mhux biss fil-belt kapitali Għawdxija imma ma' Għawdex kollu. Għal żmien twil l-Għawdxin kienu jingħaqdu u jirrikorru għall-interċesjoni ta' San Ġorġ permezz ta' din ix-xbieha biex jeħlishom minn xi saram, għawġ, mard u tbatijiet oħrajn li ġġib magħha l-ħajja.

Barra minn hekk, l-istatwa titulari ta' San Ġorġ fetħet it-triq biex parroċċi oħrajn Għawdxin isegwu fuq il-passi tal-parroċċa tar-Rabat u jakkwistaw l-istatwa titulari tagħhom ħa jġorruha proċessjonalment fil-festa rispettiva tagħhom. Eżempju ċar ta' dan hija l-ewwel statwa titulari li nġabet għal parroċċa 'l barra mill-belt ta' Għawdex. Qed nirreferi għall-istatwa titulari ta' San Ġwann il-Battista (1845) miżmuma b'għożża kbira fil-Parroċċa tax-Xewkija, biċċa xogħol tal-arti li wkoll ħarġet minn idejn Pietru Pawl Azzopardi.

Il-wasla tal-istatwa ta' San Ġorġ f'Għawdex 175 sena ilu żgur li mmarkat avveniment storiku u artistiku kbir u tibqa' għal dejjem teżor tal-arti li jsebbaħ lill-gżira Għawdxija. Imma fuq kollox tibqa' xiehda tal-fidi Kristjana ta dan il-poplu u l-imħabba lejn San Ġorġ.





LBV104

Leħen il-Belt Victoria | 104FM Stereo

**Ir-Radju tal-Kommunità tagħna**

**www.lbv104.com**

www.facebook.com/LBV104